# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 4** | **RELIGION** | **Time: 1 ½ hours**

Name ______________________________ Class ______________

## L-EWWEL SESSJONI

## Wieġeb fil-qosor:

1. Għaliex il-bniedem huwa l-quċċata tal-ħolqien?

_______________________________________________

2. X'inhu l-'Moviment Ekumeniku'?

_______________________________________________

3. Semmi ż-żewġ taqsmiet ewlenin tal-Quddiesa.

   a. _______________________________________________

   b. _______________________________________________

4. Għaliex il-jum tal-Ħadd jissejjaħ 'Jum il-Mulej'?

_______________________________________________

5. Min huma s-suċċessuri ta' l-appostli llum?

_______________________________________________

6. Xi tfisser il -frażi tal-Ġenesi 'Alla ra li kollox kien tajjeb'?

_______________________________________________

7. X'inhu l-għerq ta' kull ħażen li hawn madwarna?

_______________________________________________

8. Min kien preżenti fiċ-Ċenaklu nhar Għid il-Ħamsin?

   a. _______________________________________________

   b. _______________________________________________

9. F'liema kotba tal-Bibbja nsibu l-ħajja ta' Ġesù u t-tagħlim tiegħu?

_______________________________________________

10. X'setgħa jagħti s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri lil min jirċevih?

_______________________________________________

(20 marka)

## IT-TIENI SESSJONI

Ikteb madwar **30 kelma dwar kull wieħed** minn dawn il-persunaġġi tat-Testment il-Qadim:

a. **Abraham**

b. **Mosè**

c. **David**

d. **Salamun**

(20 marka)

## IT-TIELET SESSJONI

Imla l-vojt li ssib f'din is-silta b'dan il-kliem:

| |
|---|
| Saħħithom - publikan - iġemgmu - laqgħa - midinbin - warajh insejjaħ - taxxi - Fariżej - indiema |

### Is-Sejħa ta' Levi

Wara dan (Ġesù )ħareġ u lemaħ wieħed ____________ jismu Levi, bilqiegħda quddiem il-mejda tat-____________, u qallu: "Ejja warajja." Dak telaq kollox, qam u mar ____________. Imbagħad Levi għamillu ____________ sabiħa ħafna għandu stess, u kien hemm magħhom għall-mejda kotra kbira ta' publikani u nies oħra. Il-____________ u l-kittieba sħabhom bdew ____________ mad-dixxipli tiegħu u qalulhom: "Dan il-għala tieklu u tixorbu mal-publikani u l-____________?" U Ġesù weġibhom: "Mhux dawk li huma b'____________ għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt ____________ iżda lill-midinbin għall-____________.

(10 marki)

## IR-RABA' SESSJONI

Agħżel TNEJN minn dawn il-ħames gruppi ta' mistoqsijiet u weġibhom fit-tul (fuq karta separata).

1. "Il-Bibbja hija meqjusa bħala l-Kelma ta' Alla."
   a. Għaliex ngħidu li Alla huwa l-awtur prinċipali tal-Bibbja?
   b. F'liema sens il-Bibbja ma fihiex żbalji?
   c. X'nifhmu meta ngħidu l-'Kanoni tal-Kotba Mqaddsa'?
   d. Għaliex aħna neħtieġu l-Knisja biex tagħtina t-tifsir tajjeb tal-Bibbja?
   e. Għid kif nistgħu nużaw il-Bibbja f'ħajjitna llum?

2. **"Min jieħu r-reliġjon bis-serjetà jqisha bħala l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja tiegħu."**
   a. Għid x'tiswa' r-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem.
   b. Il-fanatiżmu huwa dejjem ħażin. Agħti żewġ eżempji ta' fanatiżmu fir-reliġjon u għid kif dawn jagħmlu ħafna ħsara lill-fidi.
   c. Il-fidi hija rigal ta' Alla. Għid kif għandna nieħdu ħsieb dan ir-rigal.
   d. Semmi u ikteb fil-qosor dwar persuna (mara jew raġel) li sabet il-ferħ f'ħajjitha meta ltaqgħet mal-Mulej.

3. **"Ġesù huwa l-Iben ta' Alla li sar bniedem bħalna."**
   a. Ikteb fil-qosor ġrajja mill-ħajja ta' Ġesù li turi li hu bniedem bħalna.
   b. Ikteb ġrajja oħra li turi lil Ġesù bhala Alla.
   c. Ġesù tkellem dwar dawk li jilqgħu il-kelma tiegħu u dawk li ma jagħtux kasha. Ma xiex xebbaħ Ġesù lil dawn in-nies?
   d. Għid kif tista' tħobb veramenti lil Kristu f'ħajtek.

4. **Alla qal lil Mosè: "Jiena ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu."**
   a. X'kienet is-sejħa li għamel Alla lil Mosè?
   b. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu rrakkuntata l-ġrajja tal-ħelsien tal-poplu lhudi mill-Eġittu. Irrakkonta fil-qosor din il-ġrajja.
   c. X'kien il-Patt li Alla għamel mal-poplu tiegħu fid-deżert?
   d. Il-Lhud kif jiċċelebraw il-ġrajja tal-ħelsien bl-Ikla ta' l-Għid?
   e. Aħna l-insara kif nieħdu sehem fl-Ikla tal-Għid ta' Ġesù ?

5. **Ġesù qal: "Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf".**
   a. Ikteb fi kliemek ġrajja jew parabbola li turina kemm Ġesù jħenn u jaħfer lill-midneb.
   b. Rikonċiljazzjoni tfisser ħbiberija mill-ġdid. Fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar) ma' min nerġgħu nagħmlu ħbieb mill-ġdid? (Agħti żewġ tweġibiet.)
   c. Kif għandna nirċievu s-Sagrament tal-Qrar biex ikun verament ta' siwi f'ħajjitna. (Semmi u fisser mill-inqas 3 affarijiet.)
   d. Semmi d-diffikultajiet li jsibu ż-żgħażagħ ta' llum biex iqerru?

(50 marka)